# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## Maġistrat Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv)

**Kump. Numru: 78/2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anzjan Hubert Ċini)**

**Vs**

**Aaron Steven Stewart Edward Ritchie**
**(K.I. 77000L)**

**Illum, 2 ta' Novembru, 2022**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Aaron Steven Stewart Edward Ritchie** ta' 36 sena, iben Edgar u Jeanette nee' Ranier, imwieled Londra, fis-17 ta' Frar 1984, residenti 176, Tropicana, Triq Bormla, Paola, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-numru **77000L** fejn huwa ġie akkużat:

Talli fis-16 ta' Frar 2020, għall-ħabta ta' bejn 18:45hrs u 19:00hrs ġewwa il-fond 122, Pjazza Fra Antoine de Paule, Paola, Malta:

1. Ikkommettejt serq ta' €400 liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li jeċċedi il-€232.94 Euros, bil-lok, u bil-ħin u bil-vjolenza u dan għad-dannu u detriment ta' Peter Paul

Lanzon, persuna li għalqet l-età ta' sittin sena, u jew persuna/i oħra. U dan bi ksur tal-Artikolu 261(a)(b)(c)(e)(f), 262(1)(a), 263, 267, 269(g), 270, 274(a), 276(a) u 277 tal-Kodiċi Kriminali tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Fl-istess dati, ħin, lok u ċirkostanzi, mingħajr il-ħsieb li toqtol jew li tqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar ikkaġunajt ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' Peter Paul Lanzon, persuna li għalqet l-età ta' sittin sena, ġrieħi ta natura gravi, kif iċċertifikat Dr Michael Sullivan Reg. No 4009 mill-Isptar Mater Dei u dan bi ksur tal-Artikoli 214, 215, 218(1)(a), 222(A) tal-Kodiċi Kriminali tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Talli fl-istess dati, ħin, lok u ċirkostanzi, ħebbejt kontra Peter Paul Lanzon sabiex tinġurjah, iddejjaqha jew tagħmel ħsara lil din il-persuna jew lil ħaddieħor, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Talli fl-istess dati, ħin, lok u ċirkostanzi, ikkommettejt reat waqt perjodu operattiv ta' Conditional Discharge mogħti mill-Maġistrat Dr. Joseph Mifsud LL.D għal 3 snin nhar il-11 ta' Ottubru 2017;

5. Il-Qorti hija wkoll mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, flimkien mal-piena skond il-liġi, tordna r-revoka tad-digriet tal-ħelsien mill-arrest magħmul fil-15 ta' Frar 2018 u mogħti mill-Imħallef Dr. G. Grixti LLD u mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dr. Claire Stafrace Zammit LLD fid-digriet tagħha tas-26 ta' Lulju 2018 u mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D fid-digriet tagħha tat-22 ta' Ottubru

2019 u mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dr. Rachel Montebello LLD fid-digriet tagħha tad-19 ta' Novembru 2019 li bih tat il-ħelsien mill-arrest. Art 579(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u il-Qorti hija wkoll mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, flimkien mal-piena skond il-liġi, tordna r-revoka tad-digrieti li bihom Aaron Steven Stewart Edward Ritchie ingħata l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest u tordna l-arrest mill-ġdid ta' l-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somom bħala depożiti u garanziji personali jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-artikolu 579(2)(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li l-imputat naqas li jħares xi waħda u/jew aktar mill-kondizzjonijiet imposti fuqu kif hawn spjegat fejn permezz tal-imsemmija digrieti huwa ġie mogħti l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest taħt diversi kondizzjonijiet.

6. Kif ukoll talli rrenda ruħu reċidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li huwa diġà ġie misjub ħati permezz ta' diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

7. Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex jekk jidrilha xieraq, tipprovdi għas-sigurtà tal-imsemmi Peter Paul Lanzon u minn issa tapplika l-provediment tal-Artikolu 412Ċ tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u tagħmel Ordni ta' Protezzjoni taħt dawk il-kawteli li din il-Qorti jidrilha li huma xierqa.

8. F'każ ta' ħtija l-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta' Peter Paul Lanzon ai termini tal-Artikolu 383 et seq. tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta

9. Il-Qorti hija wkoll mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skond il-liġi, tordna lill-imputat Aaron Steven

Stewart Edward Ritchie iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat illi nhar il-1 ta' Diċembru 2021, l-Avukat Ġenerali bagħat l-Atti lil din il-Qorti ai termini tal-Artikolu 370(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex Aaron Steven Stewart Edward Ritchie jiġi ġġudikat minnha u li fil-25 ta' Frar 2022, l-istess Aaron Steven Stewart Edward Ritchie ta l-kunsens tiegħu sabiex dan il-każ jiġi ttrattat u deċiż bi proċedura sommarja;

Rat il-atti odjerni ġew assenjati lil din il-Qorti kif presjeduta nhar it-28 ta' Lulju 2021 tramite l-Assenjazzjoni maħruġa ai termini tal-Artikolu 11(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 520 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat illi fis-seduta tat-23 ta' Settembru 2021, il-prosekuzzjoni u d-difiża eżentaw lil dina l-Qorti kif presjeduta milli terġa tisma' x-xhieda u milli terġa tara d-dokumenti kollha ppreżentati sa dakinhar.

Rat id-dokumenti kollha eżebiti, inkluża l-Fedina Penali tal-akkużat;

Rat ix-xhieda mogħtija;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza finali;

Ikkonsidrat;

Illi l-verżjoni tal-prosekuzzjoni hi li dakinhar tas-16 ta' Frar 2020 bejn is-18:45hrs u s-19:00hrs, waqt li l-parte ċivile Peter Paul Lanzon kien qiegħed id-dar, xi ħadd ħabbatlu l-bieb ta' barra u x'ħin fetaħ, dik il-persuna imbottatu 'l-ġewwa u l-parte civile waqa' mal-art. Dik il-persuna ħadet il-kartiera tal-parte ċivile b'madwar €400 flus kontanti, u xi dokumenti oħra bħall-karta tal-identità. Il-parte ċivile ma setax iqum waħdu u ċempel l-

għassa tal-pulizija sabiex jagħmel ir-rapport. Meta l-pulizija marru fuq il-post, huma ċemplu lill-ambulanza li ħadet lill-parte ċivile l-isptar, fejn ġie ċertifikat li qed ibatii minn ġrieħi ta' natura gravi. Il-parte ċivile, qal lill-pulizija li hu għaraf lill-aggressur bħala Aaron Steven Stewart Edward Ritchie u dan peress li kien jafu minn qabel.[1] Il-parte ċivile twieled fit-30 ta' Ġunju 1953[2] u b'hekk, fid-data tal-inċident kellu 66 sena.

PS1257 Konrad Ellul xehed[3] li hu mar fuq il-post u sab lill-parte ċivile mal-art fejn spjegalu li hekk kif fetaħ il-bieb sab raġel li kien liebes *hoodie* jew skufja. Imbottaħ u daħal ġewwa. PS1257 avża lill-ispettur Ċini b'dan kollu u minn hemmhekk marru biex jarrestaw lill-akkużat dakinhar stess.

Il-parte ċivile Paul Lanzon xehed[4] li dakinhar hu sema' lil xi ħadd iħabbat mal-bieb ta' barra, beda jkellmu bl-Ingliż u ppretenda li kien impjegat mal-*Meals on Wheels*. Qallu li kien tilef il-menu u talbu jagħtih ieħor biex ma jiġix fl-inkwiet mal-imgħallem tiegħu. Il-parte ċivile mar inewwilhomlu u kif fetaħ il-bieb, dik il-persuna daħlet 'il ġewwa u talbitu l-wallet. Hemmhekk il-parte ċivile għarfu u qallu "*you are Ritchie*". Spjega li din il-persuna imbottatu mal-art, ħadlu l-wallet u baqa' ħiereġ 'l barra u għalaq il-bieb warajh. Qal li lil Ritchie kien jafu għax ġieli talbu xi flus fil-passat u kien tah. Kif telaq, il-parte ċivile ċempel lill-ġirien u lill-pulizija. Filfatt, il-ġirien fetħu lill-pulizija biex ikunu jistgħu jidħlu ġod-dar. Qal li meta mbottaħ, hu qabad miegħu u l-istess aggressur waqa' mal-art. Mal-waqa', madanakollu, il-parte ċivile kiser il-hip u kellu jiġi operat fl-Isptar Mater Dei.[5] Qal li wiċċ l-aggressur kien mgħotti u ma setax jarah. Qal li darba minnhom, qabel l-inċident, l-akkużat kien daħal id-dar tiegħu peress li kien iżomm l-antiporta miftuħa u talbu €20. Dakinhar kien ċempel lil-pulizija biex jiġu għax beda jibża' minn Ritchie. Il-pulizija kienu marru biex ikeċċuh mid-dar tiegħu u

[1] Ara x-xhieda mogħtija mill-ispettur Hubert Ċini nhar il-25 ta' Frar 2022, a fol. 31 tal-atti proċesswali.
[2] Ara dok "AD1" a fol. 126 tal-atti proċesswali.
[3] Xhieda mogħtaij fil-25 ta' Frar 2020, a fol. 37 tal-atti proċesswali.
[4] Xhieda mogħtija fl-1 ta' Settembru 2020, a fol. 68 tal-atti proċesswali.
[5] Dr Michael Sullivan xehed fid-9 ta' Ottubru 2020 fejn ikkonferma l-ġrieħi li sofra l-parte ċivile u li dawn jiġu ġrieħi gravi *per durata*. Ara x-xhieda mogħtija fid-9 ta' Ottubru 2020, a fol. 94 tal-atti proċesswali.

minn dakinhar beda' jsakkar l-antiporta għax beda jibża'. Mistoqsi dwar kif seta jkun jaf li kien l-akkużat li daħal fuqu dakinhar, il-parte ċivile rrisponda "Ma nafx ngħidlek l-impressjoni hekk kienet".[6]

Illi xehed ukoll PC195 Melvyn Calleja[7] fejn qal li hu kiseb il-filmati CCTV mill-istabbilimenti ġirien tal-parte ċivile iżda dawn il-filmati ma taw ebda riżultat pożittiv.

Illi ġew ippreżentati in atti wkoll diversi Digrieti fejn l-akkużat ingħata l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest, senjatament id-Digriet tat-22 ta' Ottubru 2019 mogħti mill-Maġistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D,[8] id-Digriet tad-19 ta' Novembru 2019 mogħti mill-Maġistrat Dr. Rachel Montebello LL.D,[9] id-Digriet tal-15 ta' Frar 2018 mogħti mill-Onor. Imħallef Dr. Giovanni Grixti LL.D,[10] id-Digriet tas-17 ta' Mejju 2019 mogħti mill-Maġistrat Dr. Claire Stafrace Zammit LL.D[11] kif ukoll diversi sentenzi, senjatament is-sentenza mogħtija fil-11 ta' Ottubru 2017 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) presjeduta mill-Maġistrat Dr. Joe Mifsud LL.D,[12] is-sentenza mogħtija fl-24 ta' Marzu 2014 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) presjeduta mill-Maġistrat Dr. Ian Farrugia LL.D,[13] is-sentenza mogħtija fil-25 ta' Jannar 2013 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) presjeduta mill-Maġistrat Dr. Marseann Farrugia LL.D,[14] is-sentenza mogħtija fil-15 ta' Ottubru 2012 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) presjeduta mill-Maġistrat Dr. Antonio Mizzi LL.D.[15]

Xehdet ukoll omm l-akkużat Jeanette Ritchie[16] fejn qalet illi dakinhar li ġie arrestat hu kien id-dar kważi l-ġurnata kollha. Jista' jkun li ħareġ ftit filgħodu però 'l-bqija tal-ġurnata baqa' d-dar magħha. Qalet li taf li l-parte ċivile

---

[6] Ara x-xhieda mogħtija fl-1 ta' Settembru 2020 a fol. 76 tal-atti proċesswali.
[7] Ara x-xhieda mogħtija fit-13 ta' Novembru 2020 a fol. 127 tal-atti proċesswali.
[8] Dok "EGF2" a fol. 120 tal-atti proċesswali.
[9] Dok "EGF1" a fol 117 tal-atti proċesswali.
[10] Dok "FC1" a fol. 190 tal-atti proċesswali.
[11] Dok "FC2" a fol. 191 tal-atti proċesswali.
[12] Dok "CP1" a fol. 145 tal-atti proċesswali.
[13] Dok "CP2" a fol. 146 tal-atti proċesswali.
[14] Dok "CP3" a fol. 151 tal-atti proċesswali.
[15] Dok "CP4" a fol. 156 tal-atti proċesswali.

[16] Xhieda mogħtija fit-2 ta' Settembru 2022 a fol. 211 tal-atti proċesswali.

joqgħod madwar sitta jew seba' minuti bogħod bil-mixi mid-dar tagħha. Qalet li meta ġie arrestat kienet irrabjata ħafna għax hu kien magħha kważi l-ġurnata kollha.

Ikkonsidrat;

Illi mill-provi prodotti m'hemmx dubju li dakinhar tas-16 ta' Frar 2020, għall-ħabta ta' bejn is-6.45pm u s-7.00pm, il-parte ċivile għamel rapport li huwa safa' misruq minn ġewwa daru u li b'riżultat ta' dan, huwa waqa' u kiser l-għadma ta' ġembu, kif filfatt ġie ċertifikat minn Dr. Michael Sullivan. Ġie pprovat ukoll li l-parte ċivile u l-akkużat kienu jafu lil xulxin qabel ma seħħ dan l-inċident. Filfatt, kemm il-parte ċivile kif ukoll l-akkużat fl-istqarrija tagħhom jgħidu li kienu jafu lil xulxin, għalkemm għal raġunijiet differenti.

Illi fil-fehma tal-Qorti, il-bażi prinċipali ta' dan il-każ huwa t-tqegħid tal-akkużat fil-propjetà tal-parte ċivile fil-mument li seħħew dawn l-allegati reati. Illi l-prosekuzzjoni resqet bħala prova kemm ix-xhieda tal-parte ċivile kif ukoll estratt mir-recordings tal-kameras CCTV li kienu fil-vinċinanzi.

Illi minn dan il-filmat ma jidher xejn li huwa ta' nteress għall-kawża *de quo*. Filfatt dan jixhdu wkoll PC195 Melvyn Calleja fejn jgħid li mill-footage li bagħtulhom ma jirriżulta xejn.

Illi l-parte ċivile, minn naħa l-oħra, jgħid li l-agressur kellmu bl-Ingliż u li kien liebes *hoodie* jew barnuża. Ma ftakarx x'aktar kien liebes. Qal ukoll li ħafna minn wiċċu kien mgħotti u ma kienx jidher. Illi jirriżulta li l-parte ċivile mal-ewwel indika lill-pulizija li l-aggressur kien Ritchie, ossija l-akkużat u filfatt il-pulizija marru u arrestaw lill-istess akkużat. Il-Qorti, madanakollu, tagħmel referenza testwali għal dan il-bran meħud mill-kontro-eżami tal-parte ċivile[17]:

> *"Dif: Kif wasal għal Aaron Ritchie?*

[17] A fol. 76 tal-atti proċesswali.

*Xhud: Skużi?*

*Dif: Kif wasalt li ikkonkludejt li hu Aaron Ritchie jekk kellu parti biss tidher minn wiċċu?*

*Xhud: Heq ma nafx nghidlek eżatti.*

*... omissis...*

*Dif: Mela kif wasalt ghal Aaron Ritchie meta nofs wiċċu kien mgħotti?*

*Qorti: Kif indunajt li kien hu?*

*Xhud: Ma nafx ngħidlek l-impressjoni hekk kienet."*

Illi minn dan il-bran joħroġ illi għalkemm il-parte ċivile ħaseb li kien l-akkużat li aggredieh u serqu, ma hemmx dik iċ-ċertezza rikjesta fil-kamp penali sabiex l-akkużat jitpoġġa, lil hinn minn kul dubju raġjonevoli, fil-*locus delicti* fil-mument li twettqu dawn l-allegati reati.

Illi minn naħa l-oħra, omm l-akkużat xehdet quddiem din il-Qorti fejn qalet li dakinhar li seħħew l-allegati reati, l-akkużat qatta' l-maġġor parti tal-ġurnata d-dar magħha, ħlief għal xi ħin filgħodu.

Illi kif ġie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fis-sentenza fl-ismjiet **Pulizija vs Samir Lofti Fahim Tawdrous**:[18]

> *"Il-Liġi tal-proċedura Maltija hija imnisla mis-sistema Ingliż fejn huwa meħtieġ li biex Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' ssib ħtija f'akkużat, il-Prosekuzzjoni tkun trid irnexxielha tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni in bażi għall-provi imresqa minnha. Jekk id-Difiża tipprova l-punt tagħha fuq bażi ta' probabbilita, jew tislet argument, inkluż mill-provi tal-Prosekuzzjoni*

[18] **Pulizija vs Samir Lofti Fahim Tawdrous**, Qorti tal-Appell Kriminali, 10 ta' Diċembru 2020 (Appell Nru 44/2020 AMB), para. 18.

*stess, u jirnexxielha ddaħħal dubju dettat mir-raġuni, allura l-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-akkużat."*

Illi fil-fehma tal-Qorti, il-provi prodotti mill-prosekuzzjoni ma jagħtux il-konvinzjoni lil hinn minn kull dubju raġjonevoli li l-akkużat kien il-persuna li wettaq dan ir-reat.

**Deċide:**

Għal dawn ir-raġunijiet, u għar-raġunijiet kollha sopra esposti, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 31, 49, 50, 261(a)(b)(ċ)(e)(f); 214; 215; 218(1)(a); 222A; 262(1)(a); 263; 267; 269(g); 270; 274(a); 276(a); 277; 289; 339(1)(d); 383 u 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta qed issib lil Aaron Steven Stewart Edward Ritchie **mhux ħati** ta' l-akkużi dedotti kontra tiegħu u qed tilliberah minn kull ħtija u piena dwarhom.

**Ft.Dr. Leonard Caruana B.A., LL.D., M.A (Fin. Serv)**
Maġistrat

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**